# Id-Devozzjoni lejn San Ġużepp
## *fil-Kottonera u fl-Inħawi Marbutin Magħha*

Kitba ta' Joseph C. Camilleri

*Id-devozzjoni lejn San Ġużepp tinsab mifruxa f'Malta u f'Għawdex. Iżda maż-żona tal-Kottonera dan il-kult hu qawwi. Tant li kull belt għandha wirt kbir Ġużeppin. Barra minn hekk, kull fejn marru n-nies tal-Kottonera ħadu magħhom dan il-kult, sew fil-Kalkara u sew f'Raħal Ġdid u fil-Fgura. Għalhekk id-devozzjoni ta' San Ġużepp hija kkunsidrata bħala ħaġa tipika ta'din iż-żona.*

San Ġużepp hu wieħed mill-qaddisin li jgawdi devozzjoni kbira fost il-poplu Malti u Għawdxi. Għalhekk ridt nara jekk f'ċertu żoni tal-gżejjer Maltin, hemmx devozzjoni kbira jew le. Għażilt il-bliet tal-Kottonera u l-inħawi marbutin magħha – Raħal Ġdid, il-Fgura u l-Kalkara. Għaliex daħħalt dawn it-tliet lokalitajiet? Raħal Ġdid twieled fi żmien il-kavallieri iżda l-iżvilupp ewlieni tiegħu seħħ wara t-Tieni Gwerra Dinjija billi ħafna nies kellhom id-djar tagħhom imkissra bil-bombi ta' l-għadu. Il-Fgura ħarġet minn Ħal Tarxien, Raħal Ġdid, u Ħaż-Żabbar u kibret permezz ta' nies li ħarġu mill-Kottonera. Il-Kalkara hija s-subborg il-qadim tal-Kottonera. Permezz ta' dawn it-tliet ċentri urbaniċi nistgħu naraw il-poplu tal-Kalkara ħax jew le d-devozzjoni lejn San Ġużepp miegħu meta ħalla s-swar tal-Kottonera.

## Il-Birgu

Il-Birgu hu l-eqdem lokalità tal-Kottonera. Ma' ġenb il-knisja parrokkjali Kolleġġjata ta' San Lawrenz, hemm l-Oratorju ta' San Ġużepp. Dan l-oratorju hu tal-Konfraternità ta' San Ġużepp li twaqqfet fil-Birgu fis-sena 1538. Din hi kkunsidrata bħala t-tieni fratellanza Ġużeppina wara dik tar-Rabat. Fil-knisja hemm altar iddedikat lil dan il-qaddis li fuqu hemm kwadru xogħol ta' Stefano Erardi. Dan l-artist kellu jimxi fuq opra artistika ta' wieħed mill-artisti Taljani Domenichino. Fl-istess knisja hemm statwa mannekkin. Xi studjużi jgħidu li l-uċuħ, l-idejn u s-saqajn huma xogħol Melchiorre Gafà.



*Is-sotto-kwadru ta' San Ġużepp, li jinsab fil-Kolleġġjata ta' Bormla.*

Fl-istess belt, ftit passi 'l bogħod hemm il-knisja tal-Patrijiet Dumnikani. Hawn insibu altar Ġużeppin u fuqu hemm pittura li turi l-mewt ta' San Ġużepp, xogħol Ġanni Vella. Dan l-inkwadru kien fuq wieħed mill-altari li kellha l-knisja ta' qabel, li wasqgħet matul it-Tieni Gwerra Dinjija. B'hekk wieħed jista' jgħid li l-Birgu kellu devozzjoni kbira lejn San Ġużepp. Iż-żewġ ċentri ewlenin għandhom xi oġġetti marbutin ma' dan il-kult.

## Bormla

Fil-Kolleġġjata ta' Bormla nsibu kwadru sotto-titulari ta' għamla ovali. Dan jinsab fil-kappellun tax-xellug. L-artist li ħoloq dan ix-xogħol hu iben Ġużeppi Calì – Ramiro. F'din il-knisja nsibu fratellanza ta' dan il-qaddis. Il-fratelli kienu ordnaw statwa ta' San Ġużepp mingħand l-iskultur Pietru Pawl Azzopardi. Din kienet ta' l-injam u meta tlestiet ittieħdet fil-knisja ta' San Pawl f'Bormla stess. Fis-6 ta' Mejju tas-sena 1843 fl-erbgħa ta' wara nofsinhar l-istatwa ttieħdet solennement sal-knisja parrokkjali. Għal din l-okkażjoni kien hemm mixgħela, briju u sparar. Il-funzjoni li saret fil-knisja kellha wkoll il-mużika. L-istatwa hija magħrufa għall-panneġġ, ix-xogħol proporzjonat u għall-armonija li fihom l-uċuħ tal-figuri. Illum din l-istatwa tinsab fil-knisja parrokkjali ta' Marsaxlokk.

Fis-sena 1902 il-Fratellanza ta' San Ġużepp ordnat statwa oħra ta' dan il-qaddis. L-iskultur kien Abram Gatt. Dan l-artist ma kienx ħa flus tax-xogħol. L-istatwa żżanżnet fis-sena ta' wara. F'Bormla ssir festa ad unur dan il-qaddis.

Fl-istess belt hemm diversi ordnijiet reliġjużi. Waħda minnhom huma l-Patrijiet Tereżjani. Fil-knisja tagħhom ta' Bormla hemm altar bi kwadru ta' San Ġużepp. Dan l-altar għandu żewġ kwadri tal-ġnub li juri xena fejn jidħol San Ġużepp. Il-pittura ta' fuq l-altar hi xogħol ta' Mattia Preti waqt dawn iż-żewġ kwadri ħarġu mill-pinzell ta' Arnaud fis-sena 1728. Barra mill-knisja ta' dawn il-patrijiet hemm

kunvent ieħor tas-sorijiet. Dawn huma s-Sorijiet Tereżjani tal-Klawsura. Fil-kunvent tagħhom hemm statwa ta' San Ġużepp u pittura qadima. Din ta' l-aħħar kienet rigal ta' wieħed mill-isqfijiet ta' Malta Fra Pawlu Alpheran de Bussan. Għalhekk wieħed jista' jinnota li anke f'din il-belt hemm devozzjoni Ġużeppina.

## L-Isla

Fil-Bażilika Santwarju ta' l-Isla hemm altar iddedikat lil San Ġużepp. Fuq l-altar hemm kwadru ta' San Ġużepp, xogħol Ġużeppi Bonnici. Dan sar fis-sena 1860. Ħallas għall-inkwadru missier l-artist Anton. Il-kwadru juri lil San Ġużepp bil-Madonna u l-Bambin kif ukoll mara. Din il-figura qed tippreżenta l-fidi. B'hekk l-artist kien daħħal l-idea ta' San Ġużepp bħala Patrun tal-Knisja, proprju għaxar snin qabel ma l-Papa Piju IX mar jipproklamah Patrun tal-Knisja Universali. 54 sena qabel ma sar dan l-inkwadru twaqqfet fl-Isla l-Fratellanza ta' San Ġużepp. Qabilha kien hemm is-sodalità tas-saċerdoti li twaqqfet fis-sena 1599. Din is-sodalità kellha lil San Ġużepp bħala patrun tagħha. It-tibdil bejn is-sodalità u l-fratellanza ġab miegħu qawmien kbir ta' interess lejn San Ġużepp f'din il-parroċċa.

Il-festa ta' San Ġużepp ġieli saret fl-Isla nhar il-festa proprja jiġifieri fid-19 ta' Marzu. Iżda fil-maġġur parti l-festa kienet issir fit-tielet Ħadd ta' fuq l-Għid. Dan kien isir biex jiġi mfakkar il-Patroċinju ta' San Ġużepp. Bħala tħejjija għal din il-festa kienet issir is-settena. F'jum il-festa kien ikun hemm l-għasar u quddiesa bil-kant. Kien ikun hemm predikatur li jinseġ il-paniġierku u tifħir lil San Ġużepp. Fl-imgħoddi l-knisja kienet tkun imżejna għal din il-festa.

L-istatwa ta' San Ġużepp hi xogħol Ġlormu Darmanin. Din saret fis-sena 1879 u ġiet ordnata mill-fratelli ta' San Ġużepp. Din l-istatwa saret wara li kien sar rikors mill-Arċipriet Leopoldu Fiteni lil Mons. Franġisku Saverju Caruana nhar il-festa ta' l-Imnarja tas-sena 1838. Milli jidher li nqalgħu xi problemi għaliex l-istatwa ma kinitx saret malajr. Il-festa ta' barra ta' San Ġużepp kien ikun fiha purċissjoni bi statwa u banda żgħira li kienet timxi quddiem l-istatwa. Xi postijiet fl-Isla kienu jiġu mżejna. Kienet saret festa kbira fis-sena 1895 biex tfakkar il-25 sena mit-titlu Ġużeppin ta' Patrun Universali tal-Knisja. Anke fl-Isla hemm devozzjoni Ġużeppina. Mela tista' tgħid li fil-**Kottonera hemm devozzjoni fit-tlett ibliet u għalhekk il-kult ta' San Ġużepp hu tipiku ta' din iż-żona**.

## Il-Kalkara

Is-subborg qadim tal-bliet tal-Kottonera kien il-Kalkara. Meta bnew il-knisja tal-Kalkara fis-sena 1890 kien hemm devozzjoni kbira lejn San Ġużepp. Fis-sena 1870 il-Papa Piju IX kien għamel lil San Ġużepp Patrun tal-Knisja Universali. Għalhekk fost il-kleru Malti kien hemm interess partikolari lejn dan il-qaddis. Wieħed minnhom kien Dun Franġisk Falzon. Dan mar għand l-Isqof Fra Antonio Maria Buhagiar u talbu li l-knisja tiġi ddedikata lill-Patroċinju ta' San Ġużepp. Il-knisja telgħet bit-tħabrik tar-rettur tagħha l-Kan. Dr. Ġużepp Azzopardi. Hi ġiet imbierka solennement mill-Vigarju Ġenerali, Mons. Ġużeppi Mercieca. L-Isqof Pietru Pace fil-11 ta' Diċembru 1898 għamilha parroċċa. Il-knisja sfat meqruda matul it-Tieni Gwerra Dinjija, sewwa sew fl-10 ta' April 1942. Wara l-gwerra bdiet tiela' t-tieni knisja parrokkjali Ġużeppina fil-Kalkara.

Il-pittura titulari saret minn Ġużeppi Calì. Dan sar fis-sena 1898. Il-kwadru juri xena allegorika ta' San Ġużepp bħala Patrun tal-Knisja. Fih hemm il-figuri ta' San Pietru li jinsab f'dgħajsa bit-tmun f'idu f'baħar imqalleb. Biswit id-dgħajsa hemm figura ta' mara li tippreżenta l-knisja. Din tinsab għarkubbtejha u qed iżżomm s-salib u l-kalċi.

L-istatwa titulari saret fis-sena 1949. Din ħadet post oħra, li kienet xogħol Wistin Camilleri, li spiċċat matul il-gwerra. L-istatwa ta' Camilleri kienet saret fis-sena 1923. Xogħol l-istatwa sar mid-ditta ta' Ferdinando Stufflesser ta' Ortisei Bolzano l-Italja. Din saret bħala wegħda minn familja mill-Kalkara stess. L-ishaba ta' taħt il-figura saret wara. Il-pedestall wasal ma' l-istatwa u juri s-simboli tal-fidi, tama u mħabba. Hemm ukoll l-emblema ta' l-Arċisqof Gonzi li kien il-benefattur tiegħu. Meta waslet fl-10 ta' Mejju 1949, ħaduha f'Santa Tereża f'Bormla. Saret translazzjoni minn hemm fid-19 ta' Marzu 1949.

## L-Inħawi Marbutin mal-Kottonera

Meta n-nies tal-Kottonera ħarġu 'l barra mis-swar ħadu din it-tip ta' devozzjoni magħhom. F'Raħal Ġdid, fejn hemm ħafna li għandhom l-għeruq tagħhom fil-Kottonera, insibu kwadru fil-knisja parrokkjali ta' Kristu Sultan. Dan hu xogħol Ġużeppi M. Caruana. Hemm altar iddedikat li dan il-qaddis li fih statwa fuq l-altar. Barra minn hekk, fil-knisja l-qadima ta' dan il-lokal – Sant'Ubaldesca – hemm kwadru ieħor ta' dan il-qaddis. In-nies tal-post jirreferu għalih bħala tas-Sagra Familja. Dan hu xogħol Ġużeppi Calì.

L-istess storja nsibu fil-Fgura. Fl-ewwel knisja tal-Fgura kien hemm altar iddedikat lil San Ġużepp. Dan kellu kwadru ta' Ġużeppi M. Caruana. Dan jinsab fil-kunvent tal-Patrijiet Karmelitani. Fil-knisja parrokkjali tal-lum hemm statwa xogħol ta' Marċjol minn Bormla. B'hekk kif nistgħu naraw li sew f'Raħal Ġdid, u sew fil-Fgura hemm id-devozzjoni lejn San Ġużepp. Għalhekk wieħed jista' jikkonkludi li l-kult ta' San Ġużepp kien jiġri fil-vini tan-nies tal-Kottonera u kull fejn mar ħa d-devozzjoni Ġużeppina miegħu, sew fil-Kalkara li twieldet minħabba n-numru kbir li kien hemm ġewwa s-swar, u sew wara t-Tieni Gwerra Dinjija f'Raħal Ġdid u fil-Fgura.

Ngħid li dan il-wirt kollu Ġużeppin inxtered permezz tal-mastrudaxxi. Din iż-żona kienet magħrufa għall-ħaddiema fejn jidħol l-injam. Kien hemm mastrudaxxi kif ukoll dawk li kienu jaħdmu dgħajjes. Wieħed ma jistax jinsa li l-Kottonera tgħix qrib il-baħar. Kienet x'kienet ir-raġuni, il-kult ta' San Ġużepp hu qawwi f'din iż-żona hu mifrux sewwa.

**REFERENZI:**


- **Guido Lanfranco**, *L-Istatwi Titulari u l-Istatwarji Tagħhom*, Klabb Kotba Maltin, 1999.
- **Kav. Joseph Borg**, *Mitt Fergħa ta' Qima lejn San Ġużepp fil-Gżejjer Tagħna*, Festi Ċentinarji Ġużeppini, Qala – 1990.
- **Anthony Casha**, *Il-Preżenza ta' San Ġużepp f'Malta u f'Għawdex fis-Seklu XIX*, (l-ewwel parti) Is-Santwarju ta' San Ġużepp Mejju 1994, Nru. 61.
- **Anthony Casha**, *Il-Preżenza ta' San Ġużepp f'Malta u f'Għawdex fis-Seklu XIX*, (it-tieni parti) Is-Santwarju ta' San Ġużepp, Nru. 62.
- **Anthony Casha**, *Il-Preżenza ta' San Ġużepp f'Malta u Għawdex fis-Seklu XIX*, (it-tielet parti) Is-Santwarju ta' San Ġużepp Nru. 64.
- **Patri Alexander Bonnici OFM Conv.**, *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilika-Santwarju ta' Marija Bambina*, Malta 1981 Vol. I.
- **Achille Ferris**, *Descrizione Storica della Chiese di Malta e Gozo*, Malta 1866.